Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 9/2014AE

**Irene Chircop**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

Permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' Mejju 2014, id-Direttur (**appellant**) appella minn decizjoni tal-Arbitru tal-24 ta' Marzu 2014 li biha ntlaqa' *in parte* appell ta' Irene Chircop (appellata) fis-sens li gie rivedut il-perjodu ta' hlas zejjed li kellu jigi kkalkolat b'effett mill-31 ta' Dicembru 2012 u mhux mill-20 ta' Marzu 2010. Fis-sentenza l-Arbitru qal:

*"Illi mill-provi prodotti jidher illi l-appellanta ddikjarat illi hi kienet qed toqghod go 16B, Triq il-Lunzjata, Santa Venera mentri jidher illi fil-fatt dana l-fond kien effettivament il-fond numru 16A u mhux 16B. Jidher illi fis-17 ta' Marzu 2010 certu Christopher Sammut biddel l-ID card fuq il-fond 16A, Triq il-Lunzjata, Santa Venera u ghalhekk l-allegazzjoni jidher li hi illi fil-verita' l-appellanta ddikjarat li kienet qed tghix fil-fond 16B sabiex jidher li mhux qed tghix fl-istess fond li kien registrat fih Christopher Sammut u dana sabiex tkompli tiehu l-beneficcji. L-arbitru jifhem bi shih l-argument tad-DSS pero ma jihder li hemm provi cari u konkreti illi verament Chritopher Sammut kien ighix fl-imsemmi fond mis-17 ta' Marzu 2010 'l quddiem, u ghalhekk l-Arbitru jhoss illi f'dan ir-rigward ghandu jaghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellanta fis-sens illi l-izball li hija ghamlet fl-indirizz moghti lid-DSS seta' kien wiehed genwin u bhala stat ta' fatt kulhadd jista' jmur ibiddel l-ID card fuq indirizz li jidhirlu hu. Madankollu rrizulta fuq bazi ta' dak li qalet l-appellant stess lil Maggie Camenzuli illi hi telqet mill-fond gewwa Triq Lunzjata, Santa Venera f'Dicembru 2012 u dana minghajr ma nfurmata lid-Dipartiment bit-tibdil tal-indirizz (u mhux f'Settembru 2013)"*.

L-aggravji tal-appellant huma:

i. 'Il fatt li l-appellata tat indirizz hazin lid-Dipartiment;
ii. L-appellata kienet qeghda tghix fil-fond flimkien ma' Christopher Sammut, u ghalhekk ma baqghetx tikkwalifika ghall-ghajnuna socjali li tithallas lill-persuna li tifforma familja wahedha;
iii. Li l-appellata ma nfurmatx lid-Dipartiment li kienet marret tghix f'post iehor;

Il-Qorti rat l-atti, u tosserva:

1. **Fatti**.

   i. L-appellata tircievi ghajnuna socjali u *allowance* tat-tfal u lid-Dipartiment kienet infurmatu li l-indirizz fejn tabita hu 16B, Triq il-Lunzjata, Santa Venera. Skond l-Artikolu 97(1)(b) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318):

*"**tkun kundizzjoni** tal-jedd ta' xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance, ghotja ghall-korriment jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li……*

*(b) tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda ghall-fini li jigi stabbilit il-jedd taghha ghal dak il-beneficcju, pensjoni allowance jew ghajnuna li d-Direttur jista' minn zmien ghal zmien, jehtieg u ghal dak il-ghan tmur f'dak l-ufficcju jew post kif id-Direttur jista' jistabbilixxi".*

ii. Minn investigazzjoni li ghamel id-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjoni Beneficcji, irrizulta li l-fond 16B ma jezistix. Irrizulta wkoll li l-Ispetturi li nvestigaw il-kaz kienu marru fuq il-post u gabru dan it-taghrif:-

(a) Fil-fond 16, Triq il-Lunzjata, Santa Venera tghix Josephine Rizzo. Meta staqsew ghal Irene Chircop, qaltilhom li ma kinitx ghadha tabita fil-fond ta' ma' gembu, li kellu bieb bin-numru 16A. Irrizulta wkoll li Rizzo kienet ilha tghix f'dak il-fond minn April 2002.
(b) Il-bieb tal-fond 16A kien mimli trab u fuqu kien hemm numru ta' telefon.
(c) Gew infurmati wkoll li sid il-kera kienet certu Maggie Camenzuli.

iii. L-ispetturi marru jkellmu lil Maggie Camenzuli li kkonfermat li kienet sid il-fond 16 u 16A, li wriethom il-kuntratt ta' lokazzjoni li ghamlet mal-appellata fir-rigward tal-fond 16A, Triq il-Lunzjata, Santa Venera. Il-kirja kienet ghal 10 snin b'effett mill-24 ta' Dicembru 2008. Irrizulta wkoll li f'Dicembru 2012 l-appellata kienet telqet mill-fond numru 16A.

iv. Minn ricerka li ghamlu l-Ispetturi fuq is-sistema SABS u CDB kien irrizulta li fil-fond numru 16A kien hemm registrat li jghix certu Christopher Sammut, u dan b'sehh mis-17 ta' Marzu 2010.

v. Fid-29 ta' Settembru 2011 l-appellata kienet ikkonfermat bil-gurament li tghix fil-fond 16B, Triq il-Lunzjata, Sta. Venera u ma kinitx tircievi manteniment minghand Christopher Sammut u ma kienx ighix maghha.

2. Mill-provi l-qorti m'ghandha l-ebda dubju li dan kien kaz car ta' persuna li ddikjarat il-falz. Il-qorti ma tistax temmen li l-appellata hadet zball meta nfurmat lid-Dipartiment li tghix fil-fond numru 16B, li fil-fatt ma jezistix. F'dan ir-rigward fil-kuntratt ta' lokazzjoni jinghad li l-fond hu 16A kif ukoll fuqu hemm in-numru 16A. Ghalhekk il-qorti ma tistax tifhem kif l-appellata tghid li jista' jkun li hadet zball. Sahansitra meta fl-2011 ghamlet affidavit, regghet ikkonfermat bil-gurament li tabita fil-fond 16B, li m'hemmx dubju kienet taf li ma jezistix. L-appellata kienet ilha tghix fil-fond numru 16A sa mis-sena 2008, u madankollu meta ghamlet l-affidavit regghet iddikjarat li tghix fil-fond **16A**, Triq il-Lunzjata, Santa Venera. Inoltre, jirrizulta li meta xehedet ma tat l-ebda hjiel ta' min hu Christopher Sammut. Waqt l-indagni jirrizulta li l-ispetturi

gabru taghrif minghand gara tal-appellata, li Christopher Sammut kien ighix flimkien mal-appellata gewwa l-fond 16A. Quddiem l-Arbitru l-attrici xehedet: *"Nghid illi meta kont hemmhekk jiena jigifieri fis-16A jew 16B, Triq il-Lunzjata, Sta Venera Christopher Sammut qatt ma gie jghix hemmhekk. Semmai jekk dahal hemmhekk dahal wara li tlaqt jiena"*. Pero' mill-investigazzjoni rrizulta li fis-17 ta' Marzu 2010 Christopher Sammut kien irregistra ruhu li jghix fil-fond 16A, Triq il-Lunzjata, Santa Venera cjoe' fl-istess residenza fejn kienet tabita l-appellata. Fatt li dwaru l-appellata ma tat l-ebda spjegazzjoni. Fatt li *prima facie* hu prova li Sammut kien ighix fl-istess fond. F'dak l-istadju kien jispetta lill-appellata biex iggib prova li verament tikkonvinci li Christopher Sammut ma kellu l-ebda konnessjoni mal-fond 16A matul il-perjodu li kienet qeghda tghix fih flimkien ma' wliedha.

3. Kif tajjeb qal l-appellant, fis-sentenza **Saviour Mifsud vs Direttur tas-Sigurta Socjali** tal-21 ta' Frar 2007 din il-qorti osservat:-

*"L-Att imsemmi jponi certi normi generali in tema ta' assistenza socjali ghat-tutela ta' min hu hekk intitolat ghall-beneficcju. Inter alia, hu aspettat illi r-rapport previdenzjali interkorrenti bejn il-beneficjarju tal-ghajnuna u l-Istat ikun artikolat f' rapport ta' fiducja. Hu mistenni allura illi t-taghrif moghti mill-persuna ntitolata jkun jikkorrispondi ghall-veru fid-dettal kollu tieghu. Differentement, meta, bhala f'dan il-kaz, jirrizulta li tkun inghatat informazzjoni skorretta ntiza bl-iskop li tigi soppressa jew alterata l-verita', il-beneficjarja ma jistax jippretendi li l-Istat jissokta jipprestalu dik il-fiducja li tkun inghatatlu fil-bidu, u allura wkoll it-tutela akkordata mil-ligi. Ma jistax jigi konsentit u tollerat li wiehed jithalla jaggira l-precett tal-ligi bl-impjieg ta' skemi determinant li joholqu l-apparenza tal-veru jew ghar-realizzar tal-iskop tieghu. Dan kemm ghaliex l-illecitu qatt ma jista' jigi kondonat u, fundamentalment, fil-kazijiet previsiti taht l-Att in ezami, hadd ma ghandu jithalla japprofitta ruhu, meta mhux misthoqq, minn fondi tal-kollettivita'"*.

Mit-taghrif li ngabar fl-investigazzjoni li saret mit-Taqsima tal-Frodi, kien evidenti li:-

i. L-appellata ma kinitx qeghda tifforma familja ghal rasha;
ii. Sa mill-inqas Dicembru 2012 ienet qeghda tabita gewwa fond differenti minn dak li ddikjarat lid-Dipartiment;

Fic-cirkostanzi d-Direttur kien gustifikat li jiehu d-decizjoni li ha fir-rigward tal-*allowance* li rceviet ghat-tfal b'effett mill-20 ta' Marzu 2010.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja id-decizjoni tal-Arbitru tal-24 ta' Marzu 2014 fis-sens li l-perjodu ta' hlas zejjed li rceviet l-appellata ghandu jigi kkalkolat mill-20 ta' Marzu 2010 kif kien iddecieda l-appellant.**

**Spejjez kontra l-appellata.**

Anthony Ellul.